



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ġunju 2022  
(OR. fr, en)

9997/22

CT 104  
ENFOPOL 329  
COTER 139  
JAI 841  
SIRIS 61  
FRONT 240  
IXIM 157  
COSI 158  
ASILE 72  
MIGR 184

#### EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

|                          |                                                                                                      |
|--------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:                    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                     |
| lil:                     | Delegazzjonijiet                                                                                     |
| Nru. dok. preċ.: 9545/22 |                                                                                                      |
| Suġġett:                 | Konklużjonijiet tal-Kunsill: "Il-protezzjoni tal-Ewropej mit-terroriżmu: kisbiet u l-passi li jmiss" |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż it-test tal-konklużjonijiet dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif maqbul mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fid-9 ta' Ġunju 2022.

Il-protezzjoni tal-Ewropej mit-terroriżmu:  
kisbiet u l-passi li jmiss

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. FILWAQT LI JTENNI li t-terroriżmu jattakka l-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-drittijiet tal-bniedem u li l-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2020<sup>1</sup>, laqa' l-Aġenda tal-UE Kontra t-Terroriżmu għall-Unjoni Ewropea ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, u appella għal aktar ħidma f'dan ir-rigward;
2. FILWAQT LI JINNOTA b'mod partikolari li mill-konklużjonijiet tal-11 ta' Diċembru 2020 sar aktar progress, bħall-implimentazzjoni tar-Regolament biex jiġi indirizzat it-tixrid ta' kontenut terroristiku online<sup>2</sup>, it-tisħiħ tal-mandat tal-Europol u t-tħejjija ta' leġislazzjoni li ssaħħaħ il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;
3. FILWAQT LI JFAKKAR li l-istess konklużjonijiet jiddikjaraw li huwa importanti li l-persuni kollha li jaqsmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni Ewropea jiġu kkontrollati fis-sistemi ta' informazzjoni rilevanti, kif meħtieġ mil-leġislazzjoni tal-UE, u li l-Istati Membri huma mistiedna jżidu l-isforzi tagħhom biex jagħmlu użu sħiħ mis-sistemi ta' informazzjoni Ewropej billi jdaħħlu l-informazzjoni rilevanti dwar persuni li huma ta' theddida serja terroristika jew ta' estremiżmu vjolenti, inkluż għallieda terroristi barranin;
4. FILWAQT LI JFAKKAR li dawn il-konklużjonijiet jissottolinjaw l-importanza li jiġi miġġieled l-inċitament għall-mibegħda u l-vjolenza u l-intolleranza u, b'referenza partikolari għar-radikalizzazzjoni, li jiġu indirizzati l-ideoloġiji sottostanti għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti kif ukoll l-influwenza barranija fuq organizzazzjonijiet ċivili u reliġjużi permezz ta' finanzjament mhux trasparenti;

---

<sup>1</sup>. EUCO 22/20.

<sup>2</sup>. Regolament (UE) 2021/784 tad-29 ta' April 2021 (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 79). Ir-Regolament japplika mis-7 ta' Ġunju 2022 'il quddiem.

5. FILWAQT LI JENFASIZZA li, kif iddikjarat fl-istess konklużjonijiet, huwa essenzjali li l-awtoritajiet investigattivi u ġudizzjarji jkunu jistgħu wkoll jeżerċitaw is-setgħat legali tagħhom online u li, b'mod ġenerali, huwa essenzjali li l-awtoritajiet ta' kontra t-terroriżmu jkollhom aċċess għad-data diġitali u l-evidenza elettronika kollha meħtieġa biex iwettqu l-missjoni tagħhom b'rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali;
6. FILWAQT LI JFAKKAR li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar is-sigurtà interna u s-Sħubija Ewropea tal-Pulizija adottati fl-14 ta' Diċembru 2020<sup>3</sup>, iddikjara li t-theddida terroristika għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għadha serja u li għandha tkompli tingħata attenzjoni partikolari lill-ġellieda terroristi li jirritornaw minn żoni ta' kunflitt u lill-ħabsijiet u l-ħabsin meħlusa;
7. FILWAQT LI JFAKKAR li l-Kunsill, fl-istess konklużjonijiet, ħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni partikolari lil persuni li huma ta' theddida terroristika jew estremista vjolenti u enfasizza li, f'Ewropa mingħajr fruntieri interni, għandu jiġi żgurat li l-informazzjoni tiġi skambjata b'mod affidabbli u rapidu meta dawn il-persuni jivvjaġġaw jew jidħlu f'kontatt ma' individwi jew networks fi Stati Membri oħra;
8. FILWAQT LI JINNOTA li l-Kunsill, fl-istess konklużjonijiet, issottolinja li għandu jsir kull sforz għall-prevenzjoni ta' aktar radikalizzazzjoni online u offline u biex tiġi miġġielda kull forma ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti;
9. FILWAQT LI JFAKKAR li dawn l-istess konklużjonijiet jidentifikaw il-ġliedha kontra t-traffikar tal-armi bħala "priorità assoluta";
10. FILWAQT LI JENFASIZZA d-determinazzjoni tal-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2021<sup>4</sup> li jiżgura li l-awtoritajiet responsabbli għall-ġliedha kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti fl-Istati Membri jista' jkollhom il-mezzi u l-ġhodod adatti biex jirrispondu kontinwament u b'mod effettiv għat-theddid terroristiku u estremist li qed jevolvi;

---

<sup>3</sup>. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà interna u s-Sħubija Ewropea tal-Pulizija (13083/1/20 REV 1).

<sup>4</sup>. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq it-theddida tat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, inkluż l-impatt fuq l-awtoritajiet responsabbli għall-ġliedha kontra t-terroriżmu u kontra l-estremiżmu vjolenti u l-attivitajiet tagħhom" (9586/21).

11. FILWAQT LI JFAKKAR, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Intern tal-Unjoni Ewropea tat-13 ta' Novembru 2020 dwar l-attakki terroristiċi fl-Ewropa, li l-organizzazzjonijiet li ma jaġixxux f'konformità mal-leġislazzjoni rilevanti u jappoġġaw kontenut li jmur kontra d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ma għandhomx jiġu appoġġati b'finanzjament pubbliku, la fil-livell nazzjonali u lanqas f'dak Ewropew;

**I. Livell għoli persistenti ta' theddid terroristiku, imrawwem minn ambjent internazzjonali instabbli<sup>5</sup>**

12. FILWAQT LI JFAKKAR li r-ritorn jew il-wasla ta' ġellieda terroristi fl-Ewropa għadha theddida sinifikanti għaċ-ċittadini Ewropej u li hemm il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà tat-territorju tal-UE filwaqt li tiġi ppreżervata l-libertà ta' moviment, peress li l-ġellieda terroristi, li jippruvaw jirritornaw, jistgħu jużaw rotot kumplessi sabiex jevitaw il-kontrolli ta' sigurtà tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri;
13. FILWAQT LI JENFASIZZA li d-deterjorament tas-sitwazzjoni tas-sigurtà f'diversi reġjuni tad-dinja, bħal fl-Afganistan u fl-Ukrajna, x'aktarx li jkompli u diġà wassal għal movimenti sinifikanti ta' persuni lejn it-territorju tal-UE, li jżidu r-riskju ta' infiltrazzjoni minn individwi li huma ta' theddida terroristika;
14. FILWAQT LI JINNOTA li l-livell tat-theddida terroristika għadu wkoll għoli fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari minħabba individwi iżolati u radikalizzati kif ukoll minħabba individwi li jkunu qed jesperjenzaw diffikultajiet ta' saħħa mentali, li l-azzjonijiet tagħhom saru aktar diffiċli biex jiġu identifikati u evitati;
15. FILWAQT LI JISĦAQ fuq il-bidla drammatika fis-sigurtà fuq il-fruntiera tal-Lvant tal-Ewropa u l-impatt tagħha fuq is-sigurtà globali tal-UE, inkluż għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti.

---

<sup>5</sup>. Valutazzjoni tat-Theddid tal-UE fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu (13682/21).

**II. It-titjib tal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għall-monitoraġġ u l-identifikazzjoni ta' individwi li huma ta' theddida terroristika**

16. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-implimentazzjoni ta' kontrolli sistematiċi fis-sistemi nazzjonali u tal-UE fil-fruntiera esterna kif previst fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, kif ukoll ir-reġistrazzjoni fis-sistemi rilevanti ta' persuni li jkunu qed jaqsmu l-fruntiera b'mod irregolari, inkluż bl-użu ta' bijometrika bħal data fotografika u dattiloskopika, huma essenzjali għall-prevenzjoni ta' wasliet mhux identifikati ta' terroristi fit-territorju tal-Unjoni Ewropea;
17. FILWAQT LI JFAKKAR fl-importanza kruċjali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni li tista' tappoġġa lill-Istati Membri fid-detezzjoni u l-monitoraġġ ta' individwi li huma ta' theddida terroristika, u l-ħtieġa li jiġi esplorat aktar kif jistgħu jiġu ottimizzati l-ġhodod eżistenti biex:
- a) jiġi żgurat li tiddaħħal l-informazzjoni disponibbli kollha, b'mod partikolari d-data bijometrika, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' kwalità tad-data u kompletzza tad-data;
  - b) tintuża l-possibbiltà attwali li jiddaħħlu fis-SIS allerti mmarkati dwar terroristi, li diġà wriet l-effettività tagħha u għandha tintuża aktar;
  - c) jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar ġellieda terroristi barranin irrappurtati fis-SIS, sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati u mmonitorjati minn kmieni;
18. FILWAQT LI JIRREFERI għall-valur miżjud operazzjonali tal-iżvilupp tal-proċedura tal-post-hit għall-ġellieda terroristi barranin irreġistrati fis-SIS li joħolqu theddida serja, abbażi tar-riċeviment volontarju ta' notifikazzjoni ta' hit, sabiex din l-informazzjoni tiġi pproċessata b'mod effettiv u jkomplu jittejbu l-identifikazzjoni u l-monitoraġġ tar-rotot użati minn dawn l-istess individwi;
19. FILWAQT LI JFAKKAR li l-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali dwar l-identifikazzjoni u l-monitoraġġ ta' ġellieda terroristi barranin isir ukoll f'fora Ewropej oħra.

### **III. Koordinazzjoni aħjar tal-miżuri ta' projbizzjoni fuq id-dħul u ta' tkeċċija**

20. FILWAQT LI JINNOTA li l-miżuri nazzjonali ta' projbizzjoni fuq id-dħul huma għodod importanti għas-sigurtà interna tat-territorju tal-UE, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li dawn għandhom jiġu infurzati, wara konsultazzjonijiet fil-livell nazzjonali, jekk individwu jirnexxielu jidħol illegalment fit-territorju tal-UE u jiġi kkontrollat minn Stat Membru li ma jkunx dak li jkun haġeg il-miżura;
21. FILWAQT LI JAGĦRAF li l-eżistenza ta' oqfsa legali u istituzzjonali nazzjonali differenti bejn l-Istati Membri għall-ħruġ ta' miżuri ta' projbizzjoni fuq id-dħul u ta' tkeċċija ma għandhiex tillimita l-valur li jiddaħħlu miżuri nazzjonali ta' projbizzjoni fuq id-dħul fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, billi sserraħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24 tar-Regolament UE 2018/1861, meta possibbli;
22. FILWAQT LI JINNOTA li l-individwi involuti f'networks terroristiċi tranżnazzjonali jistgħu jkunu ta' periklu għas-sigurtà tat-territorju tal-UE u għalhekk għall-Istati Membri kollha, anke mingħajr ma jkollhom rabta diretta ma' kull wieħed minn dawn l-Istati Membri;

### **IV. It-tisħiħ tal-iskambju ta' informazzjoni dwar individwi li huma ta' theddida terroristika**

23. FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa li l-awtoritajiet għall-ġlieda kontra t-terroriżmu jiksibu aktar informazzjoni amministrattiva dwar l-istat tal-progress tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali mressqa minn individwi li huma ta' theddida terroristika jew estremista vjolenti, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll bejn l-Istati Membri, sabiex il-miżuri amministrattivi jew ġudizzjarji u l-miżuri operazzjonali mmirati lejn dawn il-persuni jiġu adattati aħjar, filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali;

24. FILWAQT LI JAQBEL, bir-rispett dovut għad-drittijiet individwali fundamentali, inkluż il-protezzjoni tad-data personali tal-individwi kkonċernati, mal-utilità tat-tiġib tad-djalogu fir-rigward taż-żmien u l-istat tal-progress tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali mressqa minn tali individwi fil-livell nazzjonali u Ewropew bejn:

- l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u l-ażil,
- l-awtoritajiet għall-ġlieda kontra t-terroriżmu;
- l-awtoritajiet għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-awtoritajiet tal-migrazzjoni u l-ażil fil-livell nazzjonali.

V. **Il-ġlieda kontra t-theddida li tirriżulta minn atturi li jikkontribwixxu għar-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu**

25. FILWAQT LI JĦEĠĠEĠ il-kontinwazzjoni tal-ħidma mwettqa min-*Network Ewropew ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni*, b'mod partikolari fir-rigward tal-identifikazzjoni bikrija ta' sinjali dgħajfa ta' radikalizzazzjoni, online u offline, kif ukoll l-istabbiliment ta' ċentru ta' għarfien tal-UE dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, kif imħabbar fl-Aġenda tal-Kummissjoni Kontra t-Terroriżmu fid-9 ta' Diċembru 2020;

26. FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa ta' rispons għall-fenomeni dejjem aktar mifrux ta' "radikalizzazzjoni rapida" ta' individwi li jaġixxu malajr ħafna wara l-ewwel sinjali dgħajfa ta' bidla fl-imġiba, xi drabi taħt l-influwenza ta' individwi jew organizzazzjonijiet li jxerrdu ideoloġiji estremisti vjolenti u jiżviluppaw "ekosistemi" radikali fil-qalba tas-soċjetajiet Ewropej;

27. FILWAQT LI JINNOTA li r-reġimi ta' sanzjonijiet Ewropej eżistenti kontra t-terroriżmu<sup>6</sup> mhux neċessarjament għandhom l-għan li jkollhom taħt il-mira tagħhom organizzazzjonijiet jew individwi li mhumiex involuti direttament fit-twettiq ta' atti terroristiċi, anke jekk huma attivi fil-propagazzjoni ta' retorika estremista radikali u vjolenti li twassal għat-terroriżmu;

**VI. L-iżgurar ta' aċċess għal data essenzjali għall-ġlieda kontra t-terroriżmu**

28. FILWAQT LI JFAKKAR, b'segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2020, li ż-żamma ta' data hija kwistjoni ewlenija fil-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-ġlieda kontriha, fid-dawl tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea u b'rispett sħiħ għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali;
29. FILWAQT LI JENFASIZZA b'mod ġenerali li l-aċċess għall-informazzjoni u l-evidenza diġitali sar essenzjali għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali b'mod partikolari fi kwistjonijiet relatati mal-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li għalhekk jeħtieġ li jiġi indirizzat l-aċċess tagħhom għal informazzjoni diġitali, inkluż data kriptata;
30. FILWAQT LI JINNOTA l-importanza li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jkunu jistgħu jużaw it-teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali (IA) fil-ħidma tagħhom, inkluż fl-ipproċessar ta' data tal-massa, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja, l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu filwaqt li titqies il-hteġa li jiġi żviluppat qafas legali effettiv u proporzjonat tal-Unjoni għall-IA.

---

<sup>6</sup>. Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (2001/931/PESK) (ĠU L 344, 28/12/2001, p. 93); Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU L 344, 28/12/2001, p. 70); Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impenzi u entitajiet assoċjati magħhom (ĠU L 255, 21.9.2016, p. 25); Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686 tal-20 ta' Settembru 2016 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, gruppi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom (ĠU L 255, 21.9.2016, p. 1).

**JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI:**

31. IKOMPLU d-diskussjonijiet fil-korpi adatti tal-Kunsill dwar il-kondiviżjoni effettiva ta' informazzjoni dwar il-post-hits tas-SIS relatati ma' ġellieda terroristi barranin li joħolqu theddida serja, għall-benefiċċju tal-Istati Membri kollha li lesti jirċievu post-hits tas-SIS, filwaqt li jqisu l-fluss tax-xogħol tal-Uffiċċji SIRENE, il-miżuri adottati, u l-possibbiltajiet disponibbli attwali li jiddaħħlu fis-SIS allerti mmarkati dwar terroristi;
32. JOĦORĠU, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, projbizzjonijiet nazzjonali fuq id-dħul fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi li, abbażi ta' informazzjoni bħal kundanni ġudizzjarji jew intelligence tas-servizzi ta' sigurtà kompetenti, jikkostitwixxu theddida serja u raġonevoli għas-sigurtà nazzjonali u/jew l-ordni pubbliku u li l-preżenza tagħhom fit-territorju tal-UE tkun għalhekk tikkostitwixxi theddida. Din l-informazzjoni tista' tikkonċerna l-ippjanar ta' attakk terroristiku, ir-residenza f'żona ta' kunflitt jew l-involviment f'attivitajiet terroristiċi.
33. JIPPERMETTU, f'konformità mal-oqfsa nazzjonali, il-ħruġ ta' tali miżuri fil-livell nazzjonali għall-ġellieda terroristi barranin, minkejja n-nuqqas ta' rabtiet diretti bejn l-Istat Membru emittenti u l-individwu kkonċernat iżda dment li daww il-miżuri jkunu fl-interess tas-sigurtà nazzjonali;
34. IKOMPLU jdaħħlu fis-SIS, kif previst fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/1861, miżuri ta' projbizzjoni fuq id-dħul sabiex jirrestrinġu d-dħul fit-territorju tal-Unjoni Ewropea ta' individwi li huma ta' theddida terroristika;

35. IĦEĠĠU l-kooperazzjoni fil-livell nazzjonali u Ewropew bejn:

- l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u l-ażil,
- l-awtoritajiet għall-ġlieda kontra t-terroriżmu;
- l-awtoritajiet għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-awtoritajiet tal-migrazzjoni u l-ażil fil-livell nazzjonali

f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom u filwaqt li jirrispettaw il-fatt li s-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru, sabiex jittejjeb l-għarfien tal-awtoritajiet għall-ġlieda kontra t-terroriżmu dwar iż-żmien u l-istat tal-progress tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali mressqa minn individwi li huma ta' theddida terroristika u biex b'hekk ikunu jistgħu jittieħdu miżuri xierqa kontribom;

36. IKOMPLU d-diskussjonijiet fil-korpi adatti tal-Kunsill dwar kif jistgħu jittejbu l-iskambji ta' informazzjoni dwar iż-żmien u l-istat tal-progress tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali lill-awtoritajiet għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, limitati għal dawk li huma ta' theddida terroristika, fuq bażi ta' każ b'każ u b'rispett għad-drittijiet fundamentali;

37. JESPLORAW il-possibbiltajiet li fil-livell tal-UE jiġu limitati l-mezzi ta' azzjoni ta' individwi u organizzazzjonijiet li jippromwovu r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti li jistgħu jwasslu għat-terroriżmu, b'mod partikolari billi jiġu ffriżati r-riżorsi finanzjarji tagħhom, u jitkomplew d-diskussjonijiet immirati li ma jithallexx jaġixxu mingħajr ma jinżammu responsabbli, ġewwa l-fruntieri tal-Unjoni u lil hinn minnhom, filwaqt li jiġu rrispettati l-oqfsa nazzjonali.

38. JIKKOORDINAW kemm jista' jkun l-azzjonijiet u l-miżuri restrittivi tagħhom, bħall-iffriżar tal-assi u r-riżorsi ekonomiċi tal-persuni u l-organizzazzjonijiet ikkonċernati, kif ukoll miżuri li jipprojbixxu d-dħul fit-territorju nazzjonali tal-Istati Membri tal-individwi kkonċernati barra mit-territorju tal-Unjoni Ewropea;

39. IŻOMMU l-viġilanza tagħhom biex jiżguraw li l-organizzazzjonijiet li jaġixxu kontra l-valuri fundamentali komuni tal-UE, billi jippromwovu l-vjolenza, il-mibegħda jew l-intolleranza, ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn fondi pubbliċi;

40. IKOMPLU l-iskambji mal-partijiet ikkonċernati kollha meħtieġa għall-istabbiliment ta' qafas ibbilanċjat għall-aċċess għal data diġitali, kemm dwar iż-żamma ta' data ta' konnessjoni, l-aċċess għal kontenut kriptat jew l-impatt ta' teknoloġiji ġodda bħall-intelliġenza artifiċjali fuq il-missjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali;
41. IKOMPLU jivvalutaw l-impatt tal-aggressjoni militari tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa fuq it-theddida terroristika u estremista vjolenti;

#### **JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI:**

42. TIVVALUTA l-proporzjonalità u l-bidliet legali u tekniċi meħtieġa li jippermettu li Stati Membri volontarji jiġu infurmati dwar hit fis-SIS dwar għallieda terroristi barranin li joħolqu theddida serja, sabiex jitlejje l-iskambju ta' informazzjoni u jinkiseb aċċess għall-informazzjoni, inkluż il-miżuri diġà adottati u li għad iridu jiġu implimentati;
43. TQIS, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-ħtieġa u l-proporzjonalità ta' żviluppi legali possibbli b'rispett sħiħ tal-qafas legali eżistenti tal-Unjoni, li jippermettu r-rikonossiment reċiproku ta' projbizzjonijiet fuq id-dħul ta' persuni suspettati li huma terroristi fl-Istati Membri kollha li jaċċettaw, li jistgħu jinkludu proċess għal konsultazzjoni reċiproka dwar ir-raġunijiet sottostanti għall-ħruġ ta' projbizzjoni fuq id-dħul;
44. TEŻAMINA soluzzjonijiet differenti li jippermettu lill-awtoritajiet għall-ġlieda kontra t-terroriżmu jiġu infurmati dwar iż-żmien u l-istat tal-progress ta' ċerti proċeduri ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali mressqa minn individwu li huwa ta' theddida terroristika;
45. TESPLORA l-possibbiltajiet offruti mill-qafas legali Ewropew eżistenti biex jiġu limitati r-riżorsi finanzjarji ta' individwi jew entitajiet li jippromwov u r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti li jistgħu jwasslu għat-terroriżmu, u tqis kwalunkwe emenda utli għal dan il-qafas;
46. TKOMPLI bl-isforzi biex jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet li ma jirrispettawx ir-regoli u l-valuri komuni tal-UE u li jappoġġaw kontenut li jmur kontra d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ma jkunux eliġibbli għall-finanzjament pubbliku mill-UE;

47. TIVVALUTA l-interess u l-valur miżjud tal-adozzjoni ta' inizjattiva leġislattiva mmirata lejn l-istabbiliment ta' regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tat-traffikar illeċitu tal-armi, kif imħabbar fil-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar it-traffikar tal-armi tan-nar 2020-2025<sup>7</sup>;
48. TKOMPLI bl-isforzi biex, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, titwettaq il-ħidma preparatorja meħtieġa għall-istabbiliment ta' ċentru ta' għarfien tal-UE dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni.
- 

---

<sup>7</sup> COM/2020/608 final.